# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 179/15 CSH**

**Mary Jane Saliba**

**Vs**

**Maria sive Mariella Baldacchino**

**Illum 8 ta' Gunju 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmintax (18) ta' Gunju, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimata:

Thallasha s-somma ta' sebat elef tmien mija u tlieta w sittin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€7863.52) bilanc ta' self maghmul brevi manu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju, 2014, u bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Gunju, 2014.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' l-intimata Mary sive Mariella Baldacchino pprezentata fl-1 ta' Ottubru, 2015 fejn l-istess esponiet:

1. *"Illi t-talbiet attrici huma perenti a tenur tal-Artikolu 2156 f tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti irrinunzjat ghall-wirt tad-defunt zewgha bhal ma jirrizulta mill-anness dokument;*
3. *Illi l-esponenti u d-defunt zewgha kienu ilhom mill-elfejn u tlettax (2013) separati de facto.*
4. *Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez".*

Semghet ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

**Mary Jane Saliba** xehdet fit-28 ta' Ottubru, 2015. Din ikkonfermat li kienet sellfet lill-konvenuta 'l fuq minn sebat elef Ewro (€7000) w kienu ftehmu li kellha thallasha lura fix-xahar, pero' dan qatt ma hallsitha. Mistoqsija meta ghaddiet dawn il-flus lill-konvenuta wiegbet illi fit-22 ta' Novembru tas-sena 2013 kienet tatha s-somma ta' erbat elef (€4000) fi flus kontanti. Qalet li kienet irtirathom mill-bank u tathom lilha direttament wara nofsinhar. Is-somma ta' tlett elef u tmien mija (€3,800) kienet tathielha xi tmien snin ilu, meta ghamlet l-operazzjoni. Ix-xhud qalet li hija ma tafx ezattament ghalfejn kellha bzonn dawn il-flus, pero' kienet semghatha titkellem fuq xi bolol. Ftakret illi kienet tathomlha quddiem il-mejda tal-ikel dakinhar li gibdithom mill-kont taghha tal-HSBC fejn kienu depozitati. Ippromettiet li tezebixxi kopja tal-i*statements* fejn tidher din l-*entry,* u fis-seduta li jmiss.

**Mary Jane Saliba** regghet xehdet fit-18 ta' Novembru, 2015. Hija esebiet dokument li l-Qorti mmarkat bhala Dokument MJS, li huwa *statement* tal-bank dwar il-kont li hija ghandha mal-HSBC. Sostniet li l-erbat elef Ewro (€4000) li kienet tat lill-konvenuta, kienu gejjin minn dan il-kont. Sahqet li tathom lill-konvenuta ghax kienet din stess li talbithomlha dakinhar stess filghodu kmieni. Skond l-attrici, l-konvenuta filfatt kellha xi ktieb fejn kienet tikteb il-flus li hi kienet issellifha, pero' kopja tieghu hi m'ghandhiex u lanqas qatt ma ratu. Cahdet li kienet tat il-flus lir-ragel tal-konvenuta, izda nsistiet li kienet tathom lilha stess. Stqarret illi kienet konoxxenti tal-fatt li l-konvenuta kienet qed tissepara minn mar-ragel.

L-attrici qalet li l-flus kienet izzommhom il-bank u l-flus li kien ikollha d-dar kienu ftit biex tghix bihom.

Fit-18 ta' Novembru, 2015 xehdet ukoll il-konvenuta **Maria sive Mariella Baldacchino.** Din bdiet billi qalet illi f'dawn l-ahhar snin kellha l-problemi fiz-zwieg taghha w sostniet li kienet tiftah qalbha mal-attrici aktar milli kienet tiftah qalbha m'ommha. Qalet illi fis-sena 2008 kienet ghamlet operazzjoni w kienet issellfet xi flus minghand l-attrici. Spjegat li effettivament l-attrici kienet offritilha s-somma ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) ghal din l-operazzjoni. Ziedet li sa fejn taf hi, l-attrici kienet izzomm rendikont ta' dawn il-flus. Hija kkonfermat li dawn it-tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) filfatt kienet tathom lura lill-attrici, tul perjodu ta' zmien, pero' ricevuti ta' hlasijiet m'ghandhiex. Il-konvenuta cahdet li marret ghand l-attrici biex sellfitha s-somma ta' erbat elef Ewro (€4000).

Qalet li fis-sena elfejn u tlettax (2013) kienet diga ilha mifruda minn mar-ragel ghal sena u ghaxar xhur u kienu ghaddejjin bil-proceduri tas-separazzjoni. Pero' mbaghad meta kien hemm id-digriet tal-Qorti biex jigi ffirmat il-kuntratt, ir-ragel taghha kkommetta suwicidju. Kompliet li ghalhekk ma kellhiex bzonn flus u konsegwentement qatt ma marret ghand l-attrici biex tissellef xi flus. Imbaghad stqarret li huwa minnu li ricentement marret ghand tal-Caritas u dan ghaliex ma kienitx taf x'kien qed jaghmel ir-ragel taghha minn wara daharha. Spjegat li effettivament kienet giet riferuta ghand tal-Caritas mill-President ta' Malta minhabba problemi ta' uzura, liema problemi pero' ma kienux taghha izda ta' zewgha. Qalet li l-Caritas kienet kellmet lil Louis Bellizzi. Stqarret ukoll li huwa minnu li kienet marret tkellem lis-Sur Bellizzi wara li rceviet l-ittra ufficjali w kienet talbitu biex jintervjeni sabiex tkun tista' thallas lill-attrici bin-nifs. Ghand il-Caritas kienet marret wara li kien miet ir-ragel taghha fl-2014 cioe' wara li kienet diga'rceviet l-ittra ufficcjali.

Illi fit-8 ta' Frar, 2016 xehed **Louis Bellizzi** li ghalkemm qal li llum hu rtirat, pero' jaghmel xoghol volontarju mal-Caritas, specjalment mal-Fondazzjoni Vittmi tal-Uzura. Jiftakar li f'Awissu tat-2014 kien ircieva telefonata mill-Caritas li xi hadd mill-Ufficcju tal-President xtaq li huma jkellmu lil Mary sive

Mariella Baldacchino, senjatament peress li kellha problemi ta' dejn, ta' uzura. Ghaldaqstant hu kien baghat ghaliha u meta kellimha skopra li parti mill-flus li kellha taghti u cioe' dik lil Mary Jane Saliba ma kinitx uzura. Sussegwentement kien ha il-permess tas-Sinjura Baldacchino biex jiltaqa' ma' Mary Jane Saliba w kien irrizultalu li kien diga' hemm kunflitt bejn Baldacchino u Saliba. Qal li l-konvenuta Baldacchino kienet ammettiet mieghu illi effettivament zijitha Mary Jane Saliba kienet tatha xi tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) ghal xi operazzjoni fis-snin qabel u li effettivament kienu saru xi pagamenti minnhom, ftit mijiet. Zied li filfatt la kien hemm uzura u lanqas imghax fuq din is-somma u li dwar dan it-tnejn kienu qablu. Pero' kompla jghid li Mary Jane Saliba kienet qed tinsisti li ftit xhur qabel ma miet ir-ragel ta' Mariella Baldacchino, kienet tatu wkoll somma ta' erbat elef Ewro (€4,000) u li filfatt Mariella kienet taf bihom ghaliex kienet talbithomlha hi. Mariella min-naha taghha qaltlu li effettivament meta kienet saret taf li Mary Jane Saliba kienet tat xi flus lil zewgha, hi qaltilha li hi mhix responsabbli ghalihom ghaliex hija kienet diga' fi proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha.

Ix-xhud kompla li tul l-intervent tieghu, ma saru l-ebda hlasijiet u li l-flejjes li l-attrici kienet tat lil Mariella Baldacchino in konnessjoni mal-operazzjoni kienet tathomlha fit-2007/2008 u l-pagamenti kienu saru dawk iz-zminijiet ukoll.

Semghet lill-partijiet jittratttaw il-kawza u dan fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016 meta l-istess partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi in breve il-fatti kienu is-segwenti:-

Illi l-attrici tghid li kienet silfet somma flus lill-konvenuta u cioe' somma li teccedi s-sebat elef Ewro w kienet ftiehmet maghha li tithallas lura f'pagamenti mensili, pero' cio' nonostante tghid li l-konvenuta ma ghamlet l-ebda pagament. Tispjega illi fil-fatt fit-22 ta' Novembru 2013 kienet silfitha s-somma ta' erbat

elef Ewro (€4000) u dan billi rtirat parti minn din is-somma mill-bank taghha, skond l-i*statement* esebit fl-atti a fol. 15 immarkat bhala Dok MJS. Waqt li d-differenza w cioe' s-somma ta' €3,800 kienet tathomlha xi tmien snin qabel meta allegatament ghamlet xi operazzjoni. Cahdet li l-flus gew moghtija lil zewgha izda tinsisti li kienet tathom lilha.

Min-naha l-ohra l-konvenuta tghid li kienet issellfet is-somma ta' €3,200 minghand l-attrici fis-sena 2008 ghaliex kellha taghmel operazzjoni, pero' cio' nonostatne tghid li hallsitha lura, pero' cahdet li kient issellfet is-somma ta' €4,000 minghand l-attrici fis-sena 2013 u tghid li dak iz-zmien kienet gja separata minn ma' zewgha b'mod *de facto*. Interessanti pero' li tghid li meta rceviet l-ittra ufficcjali fejn giet mitluba sabiex thallas lura lill-attrici, hija marret ghand il-Caritas u kellmet lil Louis Bellizzi w talbitu sabiex jintervjeni sabiex tkun tista' thallas lill-attrici bin-nifs (vide xhieda tat-18 ta Novembru 2015 fol. 16).

Louis Bellizzi xhud independenti, xehed ukoll u kkonferma li l-konvenuta kienet marret tkellmu w kienet qaltlu li zijitha kient tatha s-somma ta' €3,200 sabiex taghmel operazzjoni fis-snin ta' qabel, pero' kienet qaltlu li kienet hallsitha lura ftit mijiet. Jghid li rrizultalu li l-ammont misluf kien bla imghax u bla uzura. Jghid ukoll li l-attrici kienet qaltlu li ftit xhur qabel ma miet ir-ragel tal-konvenuta kienet tatu s-somma ta' erbat elef Ewro (€4000) u l-konvenuta kienet ammettiet mieghu li kienet taf dwarhom, pero' li l-attrici ma kienitx intitolata ghalihom minghandha ghaliex kienet isseparata minn ma' zewgha dak iz-zmien tas-self. Qal ukoll li l-pagamenti li kienet ghamlet il-konvenuta kienu dwar is-self li kien sar fis-sena 2008 u mhux ghal dak li sar lil zewgha.

Illi ghalhekk din il-kawza tiddependi biss fuq kwistjoni ta' kredibilta minkejja li hemm ukoll il-kwistjoni tal-preskrizzjoni li trid tigi indirizzata ukoll.

Kif korrettement gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Mejju, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran *"bhala*

*konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor 'reus in exipiendo fit actor' ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu".*

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq il-konvenuta tal-pagament li hija tallega li ghamlet. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech** deciza 28 ta' Mejju, 1885 qalet li "La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega". Fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, il-konvenuti jenhtiegilhom qabel xejn jipprovaw, b'mod konvincenti u konkluziv, illi huma effettivament ghamlu l-hlas lura tas-somma reklamata. Jekk huma ma jirnexxilhomx jaghmlu din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (Art. 1145 tal-Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Wisq ovvjament, din id-deficjenza tirrikadi fuqhom ghax fuqhom kien inkombenti l-oneru tal-prova tal-pagament.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** sup. cit. insibu li "*qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principju (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa' allura salv il-*

*principju illi f'kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F'kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta' l-istess medalja, id-differenza sottili fl-impostament ta' l-argument tezisti"* (Ara **Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000).

Hu pacifikament stabbilit illi "l-*pagament jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur. Kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji li jridu jkunu tali li jkunu kapaci jikkonvincu lill gudikant*".[1]

Huwa principju assodat li huwa l-attur li jrid jipprova it-talba tieghu biex din tigi milqugha. Dan mhux biss skond id-dispost tal-Artikolu 652 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta izda anke skond id-dettam *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat* (ara l-kawzi **Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camillleri** PZ 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella** App Inf 2 ta Mejju 1995. Fl-ahhar sentenza hawn citata il-Qorti tghallem li '*l-attur f'kawza ma jistax jistenna li l-Qorti taghmel ix-xoghol tieghu u dan l-aktar meta huwa min jallega li jrid jipprova.*' Huwa principju rassodat li l-mera possibilta' mhix sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili (**Frank Giordmaina Medici et noe vs Wililam Rizzo et** deciza PA NC 28 ta April 2004).

Naturalment, l-attur f'kawza m'ghandux jistenna li l-Qorti temmnu f'kollox meta l-allegazzjonijiet tieghu huma kategorikament respinti mill-konvenut. Huwa nuqqas tal-attur li jressaq l-ahjar prova (skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). *Detto questo* dan ma jfissirx li l-provi migjuba mill-attrici ghandhom jigu skartati. Altru milli hekk.

---

[1] Ara d-decizjonijiet riportati fil-volumi XLIII p.II p 624 u XXXVII p.I p.525

Il-Qrati taghna jghallmu li 'l-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi **ghax dawn f'kawza civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant**. (**Farrugia vs Farrugia** PA 24 ta' Novembru 1966 Vol XXXVI P 1 p 319). Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemija) il-Qorti tghid li '*fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhux dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawk l-istess spjegazzjonijiet humiex fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet , sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajie*t." Verament fil-kawzi civili (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija **Farrugia vs Farrugia** 'mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubbio pro reo'* (ara l-istess principju fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak** (PA TM 30 ta' Ottubru 2003 u **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** PA (PS) 28 ta' April 2003).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu qudiemu meta dawn jincidu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali li hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Eucharisto Zammit vs Eustrachio Petrococchino** App Kummerc 5 ta Marzu 1986). Meta imbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel' allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Fis-sentenza taghha **Adam Bugeja vs Charles Falzon et** (23.10.2013) il-Qorti tishaq li meta z-zewg verzjonijeit ikunu kapaci jitqiesu ugwalment plawsibbli u

veritiera 'ma jistax jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi wahda u mhux l-ohra. L-istess japplika fil-kaz meta l-Qorti tkun affaccjata b'zewg versjonijiet li kapaci jtiqiesu ugwalment mhux kredibbli. F'tali sitwazzjonijiet ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza u probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konklusivament ipprova t-talbiet tieghu. *Actor non probante reus absolvitur*. (**Joseph Vincent Rausi noe vs Joseph Muscat** PA 22 ta Novembru 1995; **Enrico Camilleri vs Martis Borg** App Inf (PS) 17 ta' Marzu 2003).

Fil-kaz odjern pero' din il-Qorti thoss li l-attrici kienet aktar veritiera f'dak li qalet, kemm dwar is-self li ghamlet, kif ukoll dwar dak li kienet qalet lis-Sur Bellizzi meta kellimha. Filwaqt li l-konvenuta *viva voce* fil-Qorti tghid li mhux minnu li hija ssellfet is-somma ta' €4000 fis-sena 2013, pero' lis-Sur Bellizzi qaltlu li kienet taf li l-attrici kient silfet din is-somma, pero' tghid li dan ghamlitu lil zewgha, li miet ftit wara waqt li kienet isseparata *de facto* minn mieghu. Is-Sur Belizzi jikkonferma t-tezi tal-attrici li sellfitha s-somma ta' €3200 fis-sena 2008 sabiex il-konvenuta taghmel operazzjoni, w dwar dan m'hemmx kontestazzjoni ghaliex anke l-konvenuta dan tammettih mas-Sur Bellizzi, ghalkemm tghid li ghamlet ftit pagamenti lura. Skond is-Sur Bellizzi, qaltlu li kienu ftit mijiet. Waqt li tichad li ghandha thallas lill-attrici ghas-somma ta' €4,000 mislufa fis-sena 2013, ghaliex dawn gew mislufa lil-zewgha, interessanti pero' li mbaghad tghid li hija marret ghand il-Caritas wara li rceviet l-ittra ufficcjali sabiex jghinuha thallas l-ammont bin-nifs f'pagamenti. Illi ghalhekk jekk il-konvenuta marret tkellem lis-Sur Bellizzi fis-sena 2014 u ammettiet li hija ssellfet is-somma ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) u zewgha ircieva is-somma ta' erbat elef Ewro (€4000) minghand l-attrici, w dan meta hija kienet ghadha mhix separata legalment, dan jammonta ghal interruzzjoni tal-preskrizzjoni stante l-accettazzjoni da parti taghha li effettivament kien sar is-self u konsegwentement trid illum il-gurnata tirrifondi lura dawn is-somom.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fid-9 ta' Mejju 2005 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick** fejn inghad li :-

"*Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;*"

Dik il-Qorti kompliet:

"*Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza,illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti.*

*Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi 'iuxta allegata et probata'. Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, 'jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-pozizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni.*"

Fil-kaz odjern din il-Qorti hija tal-fehma li dak li qalet il-konventua lis-Sur Bellizzi jammonta ghar-rikonoxximent tad-debitu taghha u ghalhekk hemm interuzzjoni ai termini tal-ligi.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta qeghda tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici dik is-somma ta' sebat elef u mitejn Ewro (€7,200).**

**L-Imghax dekorribbli millum skond il-ligi.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**

*Illum 8 ta' Gunju, 2016.* *Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.*